2024/515

22.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 272/2021

tal-24 ta' Settembru 2021

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2024/515]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża.

(2) Huwa xieraq li din il-kooperazzjoni tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2020, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tkun adottata jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, jekk ikun hemm, jiġix innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat biex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"14. (a) L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2021, jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Unjoni relatati mal-linja baġitarja li ġejja, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021:

— **Linja baġitarja PA 13 17 01:** 'Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża'.

(b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) f'konformità mal-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim.

(c) L-Iżlanda u l-Liechtenstein ma għandhomx jipparteċipaw f'din l-azzjoni preparatorja, u ma għandhomx jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar avviż skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

* Ma hemm indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2021.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Rolf Einar FIFE

Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA għad-Deċiżjoni Nru 272/2021 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE biex titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fl-azzjoni preparatorja tal-Unjoni fuq ir-riċerka dwar id-difiża

Din id-Deċiżjoni testendi l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti biex titkompla l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA tal-Unjoni għal azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-Difiża. L-Istati tal-EFTA jaħsbu li kwistjonijiet ta' difiża jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, u għalhekk li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE biex tinkludi kwistjonijiet ta' difiża lil hinn mill-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA f'dik l-azzjoni preparatorja. L-Istati tal-EFTA jisħqu wkoll li l-Iżlanda u l-Liechtenstein ma għandhomx jipparteċipaw, jew jikkontribwixxu finanzjarjament, għal din l-azzjoni preparatorja.